**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Paul Vassallo)

**vs**

**Anthony Agius**

Illum 27 ta` Frar 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Anthony Agius ta` 39 sena, bin Paul u Guzeppa nee` Grech, imwieled Hal-Qormi fit-8 ta` Novembru 1961 u joqghod 67 Triq Sant`Anton, Birgu jew 18 'Dar San Pawl' Triq is-Sienja, Qormi, ID 721261 M;

1. Talli f`dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta` qabel is-7 ta` Novembru 2000, minghajr l-approvazzjoni miktuba, bil-quddiem, tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamilt, ordnajt jew geghilt l-eghmil ta` xi tibdil fin-numru tal-makna tal-marka Daihatsu, bin-numru 7059192

2. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f`xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamilt dikjrazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz billi ffalsifikajt in-numru tal-makna tal-vettura tal-ghamla Maruti 800, bin-numru tar-registrazjoni AAJ-031.

Rat in-nota tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4);

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li fis-seduta ta` llum l-akkuzat ammetta l-akkuza.

Issibu hati;

Rat l-Artikolu 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128?1994) u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152;

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmija Artikolu bit-tama li l-akkuzat ma jaqbadx triqat li jkunu ta` deni

ghalih.   Ghalhekk filwaqt  li ssibu hati, **tilliberah taht il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-lum.**

Vera kopja.

Dr Jos Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.